## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 874/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur James Mallia)***
***(Spettur John Sammut)***

Vs

**Tahir Abazi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Tahir Abazi** ta' erbgħa u tletin (34) sena, imwieled l-Albanija fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awissu 1990 u mingħajr residenza fissa detentur tal-permess ta' residenza bin-numru 371764(A) talli nhar it-tlettax (13) ta' Jannar 2025 bejn nofs il-lejl u minuta (00:01hrs) u s-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs) u fix-xhur ta' qabel

f'Mrieħel Bypass (ċioe eżattament quddiem il-Crosscraft ġewwa Ħal-Qormi), Ħal-Qormi, Malta u postijiet oħra diversi fil-Gżejjer Maltin:

(1) saq vettura ta' għamla Daihatsu bin-numru tar-reġistrazzjoni KBR 016 mingħajr ma kellu liċenzja neċessarja tas-sewqan;[1]

(2) talli wkoll saq il-vettura ta' għamla Daihatsu bin-numru tar-reġistrazzjoni KBR 016 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;[2]

(3) kif wkoll talli sabiex jikseb xi vantaġġ għalih jew benefiċċju għalih inniffsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;[3]

(4) ta tagħrif jew partikolaritajiet foloz lil persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom;[4]

(5) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[2] Artikoli 3(1) tal-Kap. 104.
[3] Artikolu 188(1) tal-Kap. 9.
[4] Artikolu 338(c) tal-Kap. 9.

(6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċċjali Prosekuturi;

Rat li fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta’ Jannar 2025 l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq

il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fil-lejl ta' bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Jannar 2025 il-Pulizija kienu għaddejjin b'*road block* fi Triq is-Sebħ, Qormi, Malta quddiem is-*showroom* tal-istabbiliment *Crosscraft*. F'ħin minnhom il-Pulizija waqqfu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBR 016. Din kienet qed tiġi misjuqa mill-akkużat Tahir Abazi. Huwa intalab jipprovdi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu iżda huwa naqas milli jagħmel dan. Abazi ġie mitlub dokument ta' identifikazzjoni iżda huwa lanqas ma ipprovda dan. Beda jistqarr mal-Pulizija li huwa kien qed jaħdem

f'ristorant hawn Malta u kien naqas milli jaġġorna l-permess biex ikun jista' jaħdem. L-akkużat ġie mitlub wkoll il-passaport iżda dan lanqas ma kien fil-pussess tiegħu. Sostna mal-Pulizija li kull ma kellu kien biss ritratt tal-istess passaport. L-akkużat għalhekk ġie arrestat u mogħti d-drittijiet legali kollha tiegħu.

Il-Pulizija imbagħad ipproċediet sabiex tagħmel tfittxija fuq il-persuna tiegħu fejn instabet borża bi trab abjad suspettata li hija droga. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li għamlu l-Pulizija ġie stabbilit li fil-konfront tal-akkużat kien inħareġ wkoll mandat ta' arrest Ewropew in konnessjoni ma' allegat każ ta' abbuż ta' minuri.

Fl-istqarrija li l-akkużat ta lill-Pulizija fil-presenza tal-legali tiegħu huwa sostna li l-liċenzja tas-sewqan, il-permess tar-residenza u l-permess tax-xogħol kienu insterqulu flimkien ma' ammont ta' flus. Mistoqsi jekk kienx għamel rapport dwar dan, huwa wieġeb fin-negattiv. Sostna li kien beża' jagħmel tali rapport. Madanakollu ma ta l-ebda raġuni għalfejn kien imbeżża'. L-akkużat imbagħad tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa biex iwieġeb għall-akkużi odjerni.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li

ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.  Għall-fini ta' piena, il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużat ammetta fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 188(1) u 338(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 9, 10, 11, 22 u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 u r-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, fuq ammissjoni tiegħu stess, **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha</u>** miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tiġi sospiża għal erba' snin (4) mil-lum.  In oltre l-Qorti qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' multa ta' mija u ħamsin ewro (€ 150).

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.

Finalment wkoll il-Qorti qiegħda wkoll tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bħala Dokument JM 1.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**